**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 21/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Lewis Tomasuolo**

**Illum 27 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lewis Tomasuolo detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 521240(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli nhar l-20 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 16:30 hrs fi Triq l-Imdina, Attard waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBH 889,

(1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lil Maria Scerri w nvolontarjament ikkaġunalha offiżi ta' natura gravi skond kif iċċertifika Dr. Stephen Spiteri M.D. ta' L-Isptar St. James.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2019 li wara li rat l-Artikoli 226 u 216(1)(a)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant Lewis Tomasuolo, ppreżentat fid-29 ta' Jannar, 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

- TIRREVOKA s-sentenza appellata u cioe dik tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-sbatax (17) ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Pulizija versus Lewis Tomasuolo;

- Konsegwentement TILLIBERAĦ mill-akkużi kollha miġjuba kontrieħ, kif ukoll minn kull piena u ħtija skond il-liġi;

- Alternattivament, TIRRIFORMA l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu nflitta, hekk kif jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jintenta jimpunja s-sentenza appellata fuq l-aggravju singolari illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u dan ghaliex dan kien kaz klassiku fejn hu bhala sewwieq gie rinfaccajat b'emergenza subitanea meta l-parte ċivile qassmet it-triq għall-għarrieda u mhux minn fuq l-istrixxi pedonali li kien hemm fil-vicinanzi u kwindi kienet tahti unikament ghal dan is-sinistru stradali. Jisħaq illi l-verżjoni tal-parti leza dwar id-dinamika tal-inċident mhijiex waħda kredibbili oltre in-nuqqas ta' prova dwar in-natura tal-griehi sofferti minnha konsistenti fi ksur fl-irkoppa li

jikkontendi li sehh wara l-fatt, u cioe' għaxart ijiem wara l-każ meta l-parti leza ġiet ezaminata minn konsulent privatament. Sussidjarjament l-appellant jitlob varjazzjoni fil-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu din hija eccessiva.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kawza jirriżultaw żewġ verżjonijiet kontradittorji għal xulxin għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident. Jidher illi nhar l-20 ta' Settembru 2013 għall-ħabta tal-16:45 il-pulizija tal-għassa tal-Birkirkara ġew infurmati li persuna kienet sfat mtajra minn vettura ġewwa Triq l-Imdina, Ħ'Attard. Meta l-pulizija wasslu fuq il-post il-midruba certu Maria Scerri, kienet diga' giet mehuda lejn l-isptar. Il-pulizija allegatament għamlu skizz tal-incident u ġie mitkellem ukoll l-appellant li spjega li hu kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBH889 tal-għamla Toyota Vitz fid-direzzjoni tar-Rabat, u kif qorob lejn it-*traffic lights* innota li ma kenux ħomor għall-vetturi u baqa' jsuq izda f'daqqa waħda tfaccat Scerri quddiemu. Jaf ukoll illi Scerri kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk kienet qed tintenta taqsam. Maria Scerri, minn naha taghha izda tikkontendi illi hija bdiet taqsam hekk kif id-dawl xegħel aħdar u wara li kienet diġà għamlet madwar tlett passi sfat imtajjra mill-vettura misjuqa mill-appellant. Issostni illi meta waqaf biex jaghtiha l-assistenza qalilha li ma kienx raha. Irriżulta finalment mill-provi illi l-griehi gravi li l-parti leza sofriet konsistenti fi ksur fl-irkoppa x-xellugija gew iccertifikati zmien wara meta hi ġiet ezaminata mill-konsulent Massimo Abela.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta kellha okkazzjoni tistharreg l-elementi ta' dritt li isawwru l-principju tal-kaz fortwit fejn si tratta ta' investiment stradali ta' pedonali, u dan f'sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri* deciza fit-28 ta' Frar 2018, incident li sehh proprju vicin il-lok fejn gara is-sinistru stradali mertu ta' dan il-kaz.

> **"Ibda biex ……, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam**

**negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian*. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)**

**Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* ." (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)"**

**Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' *pedestrian* jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet**
***a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;***
***b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;***
***c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."***

**..... ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l-hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi**

**dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:**
**"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:**
***1. la volontarieta dell'atto;***
***2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u***
***3. la possibilita di prevedere.***

**Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide IlPulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"**

**Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".***

**L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:**
***"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."***

**Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex**

**b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: *1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***

**Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."**

Illi spjanat dan it-taghlim gurisprudenzjali u applikati ghal fattispecje tal-kaz in dizamina, huwa indubitat illi l-investiment ta' Maria Scerri sehh hekk kif din kienet qed tintenta taqsam triq arterjali u piuttost traffikuza tant illi f'diversi partijiet taghha din it-triq hija munita b' *traffic lights* u strixxi pedonali sabiex min ikun qed jintenta jaqsam it-triq jista' jaghmel dan minghajr periklu. Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi Maria Scerri kienet qed taqsam it-triq proprju minn fuq it-*traffic lights*, izda filwaqt li Scerri tikkontendi illi din bdiet taqsam hekk kif id-dawl qaleb fuq l-ahdar ghaliha, l-appellant jishaq bil-kontra u ighid li d-dawl ma kienx ghadu qaleb fuq l-ahmar ghalih meta f'daqqa wahda sab lil Scerri inaspettatament quddiemu.

Issa l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi għażlet illi taghti affidament lil verzjoni moghtija mill-parti leza kemm dwar d-dinamika tal-inċident kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-ġrieħi gravi subiti minnha kif iccertifika l-konsultent Massimo Abela.  Dan għamlitu peress illi dehrilha li ma kienx hemm raġuni għal xhiex tiddubita mid-deposizzjoni ta' Scerri illi skond kif iddeskrivietha l-Ewwel Qorti kienet 'waħda ċara u eżawrjenti' u liema deposizzjoni hi kellha l-opportunita' li tapprezza billi x-xhud xehdet *viva voce* quddiemha, bħalma filfatt apprezzat dik ta' xhieda oħrajn, inkluż dik ta'l-appellant, fejn sahansitra sar konfront bejn l-appellant u il-vittma Maria Scerri.

Issa minn ezami tal-provi jirrizulta illi l-verzjoni moghtija mill-vittma ġiet korrobborata minn xhud okulari ghal dan is-sinistru certu Raymond Borg, li xehed ukoll quddiem din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni. Dan ix-xhud jikkonferma illi Scerri qassmet meta id-dawl tat-*traffic lights* kien qaleb fuq l-ahdar u hekk kif ghamlet ftit passi giet investita mill-vettura misjuqa mill-appellant.

Illi l-appellant jishaq illi l-verzjoni tieghu hija korroborata mix-xhud Demis Xenidis li kien riekeb passiġġier fil-vettura tieghu. Jishaq dan ix-xhud, bhall-appellant, illi l-parti leza ma qassmitx minn dik il-parti fejn hemm l-strixxi pedonali mat-*traffic lights* imma minn ftit iktar 'il fuq meta harrget minn wara xi arbuxelli. Il-Qorti ezmainat il-verzjonijiet kollha moghtija minn dan ix-xhud u cioe' meta gie mitkellem mill-pulizija *a tempo vergine*, fl-affidavit opprezentat mid-difiza u fid-deposizzjoni tieghu *viva voce* quddiem il-Qorti u tqies illi dan ix-xhud ma joffriex verzjoni wahda u cara dwar il-fatt jekk id-dwal kenux qallbu fuq l-ahmar o meno. L-ewwel u qabel kollox jingħad illi mill-mod kif iddepona hu filfatt ma jeskludix li Scerri imxiet fuq l-istrixxi pedonali u ċioe minn fejn kellha tgħaddi biex taqsam imma jisħaq biss illi ħarġet minn wara siġra li tinsab fuq is-*centre strip* fejn hemm id-dwal u minn fejn filfatt qasmet Scerri. *Di piu* mill-*PIRS report* jirrizulta illi meta dan ix-xhud ġie mitkellem mill-pulizija stqarr biss illi l-parte ċivile qassmet għall-għarrieda, filwaqt illi mill-affidavit irrilaxxjat minnu u li jinstab inserit in atti, iżid aktar informazzjoni meta jassumi li d-dwal kienu għadhom ħodor għas-sewwieqa peress illi kien sema' d-dwal idoqqu wara l-inċident meta niżlu jassistu lil midruba, u mhux għaliex fil-fatt ra li d-dawl kien għadu aħdar. Finalment meta xehed *viva voce* quddiem il-Qorti dan ix-xhud żied aktar dettalji fejn din id-darba saħaq ukoll illi ma semax għadam jinkisru mal-investiment tal-parti leza u jallega wkoll illi din ma kinitx muġugħa wara l-incident u ma kellhiex diffikultà timxi, iżda jgħid li hu baqa' jassistiha peress illi kienet taħt xokk.

Ix-xhud Raymond Grima, imbaghad ma jitfa' ebda dawl fuq id-dinamika tal-incident peress illi hu ma rahx isehh.

Illi huwa indubitat illi fil-hin li sehh l-incident il-vizwali ghas-sewwieqa li kienu telghin Triq l-Imdina direzzjoni lejn ir-Rabat kienet wahda cara. Ma kien hemm xejn li seta' jostakola l-vizwali tat-triq li hija triq piuttost wiesgha u dritta ghalkemm xi ftit ghat-telgha. Dan ifisser illi ghal sewwieq prudenti, pedonali qed jintenta jaqsam it-triq minn fuq it-*traffic lights* kellu jkun vizibbli. L-appellant jishaq illi ma kienx qed isuq b'velocita eccessiva, kif fil-fatt tikkonferma l-vittma stess, tant illi l-incident ma kellux konsegwenzi fatali jew kwazi fatali. Illi dan il-fattur allura wassal lil vittma tintenta taqsam it-triq ghaliex, kif tistqarr hi stess, meta lemhet lill-appellant hu kien ghadu xi ftit 'il boghod u allura assumiet illi sakemm jasal mat-*traffic lights* kien ser jieqaf, haga li jidher madanakollu li ma ghamilx. Il-konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' attenzjoni wassal sabiex hekk kif l-vittma bdiet taqsam it-triq l-appellant wasal vicin taghha bil-vettura u ma irrealizzax illi d-dawl kien lahaq qaleb sabiex b'hekk sehh l-investiment. Illi anke kieku *gratia argomenti* l-Qorti kellha taghti affidament lill-appellant meta ighid li d-dawl kien ghadu ma qalibx fuq l-ahdar ghal pedonali, u allura huwa ma kellux jieqaf, madanakollu kif inghad il-vizwali tat-triq ghalih kienet wahda cara u allura seta' induna tempestivament illi kien hemm persuna qed tipprova taqsam it-triq, haga li jidher li ma sehhx ghaliex kien evidentement aljenat. Fil-fatt il-parti leza stess tistqarr illi l-ewwel diskors li qalilha l-appellant hekk kif nizel mill-karozza u avvicinaha, kien illi skuza ruhu maghha ghaliex ma kienx raha. Illi n-negligenza kontributorja tal-pedonali certament ma tezonerax l-appellant mill-htija billi, kif inghad, in-nuqqas ta' prudenza u attenzjoni minn naha tieghu certament ikkontribwixxa ghall-investiment. Illi anke kieku stess id-dawl ma kienx ghadu qaleb fuq l-ahmar, hekk kif l-appellant kien qed joqrob it-*traffic lights*, id-dmir tieghu kien li josserva dak li qed jigri fil-vicinanzi u jara li ma hemm ebda persuna qed tintenta tattraversa t-triq.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-ġrieħi sofferti mill-parti leza, huwa minnu illi meta din ittiehdet l-isptar ma kienx sarilha *X-ray* tal-irkoppa sabiex il-gerha li kellha ma gietx iccertifikata, u li kien biss ghaxart ijiem wara is-sinsitru li finalment ittiehed dan l-*X-ray*, madanakollu l-vittma tishaq illi hija

bdiet thoss dan l-ugigh f'irkopptejjha minn dak in-nhar li sehh l-incident u li kien ghalhekk li regghet fittxet l-ghajnuna medika. Tichad illi fil-jiem sussegwenti ghall-incident kellha xi incident iehor, u l-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tara li hemm ebda mottiv 'il ghala ma ghandhiex temminha. *Di piu* il-ferita rapportata fl-irkoppa hija kompatibbli mad-dinamika tal-incident u l-mod kif hija giet milquta mill-vettura tal-appellant.

Finalment din il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma hemm l-ebda dubbju dwar in-natura gravi tal-griehi sofferti mill-parti leza u dan skond kif iccertifika l-konsulent Massimo Abela, kif ikkonfermat fid-deposizzjoni tieghu fil-Qorti. Jispjega ukoll illi il-griehi damu xi żmien sabiex fiequ. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tal-natura tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm l-appellant jitlob riforma fil-piena inflitta fuqu, madanakollu ma iressaq ebda aggravju fir-rigward u allura xi mottiv li jista' wassal lil din il-Qorti titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta din imponiet il-multa ta' €800. Kwindi l-Qorti mhijiex ser toqghod tfittex xi mottiv Hi fri-rigward ta' din it-talba, li mhux indikat mill-appellant fir-rikors tieghu tal-appell u dan iktar u iktar ghaliex mhux biss il-piena hija fil-parametri tal-ligi izda tqarreb lejn il-minimu assolut. Ghaldaqstant din it-talba ukoll qed tigi michuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur